



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14835/19

SUSTDEV 170
ONU 136
DEVGEN 233
ENV 985
RELEX 1129
COHOM 135
AG 66

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	10 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14626/19	
Suġġett:	Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss - Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 - Progress s'issa u l-passi li jmiss", kif adottati mill-Kunsill fit-3739 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2019.

Nibnu Ewropa sostenibbli sal-2030 – Progress s'issa u l-passi li jmiss**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, hija essenzjali biex jintemm il-faqar u biex tiġi żgurata ħajja paċifika, sana u sigura għall-ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-ġejjieni filwaqt li jiġu rispettati l-limiti tal-pjaneta tagħna, billi nħarsu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, niproteġu l-klima u l-ambjent tagħna, nibnu ekonomiji moderni, dinamiċi u inklużivi, intejbu l-istandards tal-għajxien, nippromwovu s-saħħa u l-benessri u xogħol diċenti għal kulħadd u nnaqqsu l-inugwaljanzi, sabiex ħadd ma jaqa' lura.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi aċċellerata l-azzjoni kemm fl-UE kif ukoll fpartijiet oħra tad-dinja, mill-atturi kollha, sabiex jiġu sodisfatti l-viżjoni u l-għanijiet tal-Aġenda 2030. Huwa jenfasizza l-kontribut tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fl-appoġġ ta' pajjiżi sħab biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kif issottolinjat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tal-2017¹, b'mod partikolari billi jiffukaw fuq muturi sistemiċi għal bidla trasformattiva. Dan jeħtieġ li jsir f'sinerġija mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-SDGs u ser ikomplu jappoġġaw u jippromwovu multilateraliżmu effettiv u ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli għal dak il-għan, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar azzjoni tal-UE biex issaħħaħ il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli².

¹ 10108/17

² 10341/19

3. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017³, filwaqt li jissottolinja li governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u istituzzjonijiet effettivi u responsabbli huma prerekwiżiti għal soċjetajiet paċifiċi u inklużivi u, bħala tali, huma intrinsikament marbuta mas-sostenibbiltà. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2019 dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁴ u jišhaq li r-realizzazzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż l-iżgurar tal-konformità mal-Karta, hija prekondizzjoni għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għat-twettiq tal-impenn li ħadd ma jaqa' lura.
4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri tagħha għad-Deċennju ta' Twettiq u Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u jilqa' d-Dikjarazzjoni Politika tas-Summit tal-2019 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli⁵ bħala pass sinifikanti biex titheghegħ implimentazzjoni msaħħa u aċċellerata tal-SDGs. Il-Kunsill jilqa' l-eżami tal-UE tal-progress fl-implimentazzjoni interna u esterna tal-Aġenda 2030 fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti (HLPF) f'Lulju 2019 u l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta UE-AKP⁶ dwar l-Aġenda 2030 u l-implimentazzjoni tal-SDG fl-okkażjoni tas-Summit tal-SDG f'Settembru 2019. Barra minn hekk, il-Kunsill jieħu nota tar-Rapport 2019 tan-NU dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli⁷.

II-Progress Tagħna lejn l-SDGs

5. Il-Kunsill jissottolinja li tfassil ta' politika responsabbli, trasparenti u responsabbli għandu jkun ibbażat fuq data, statistika u evidenza xjentifika affidabbli u ta' kwalità għolja. Data ta' kwalità għolja għandha tkun diżaggregata kemm jista' jkun u tkun tikkonsisti minn data statistika kif ukoll amministrattiva.

³ 10370/17

⁴ 13217/19

⁵ <https://undocs.org/en/A/RES/74/4>

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/fr/press/press-releases/2019/09/24/joint-declaration-by-the-african-caribbean-and-pacific-group-of-states-and-the-european-union-on-the-2030-agenda-and-the-sustainable-development-goals-implementation/>

⁷ <https://unstats.un.org/sdgs/report/2019/The-Sustainable-Development-Goals-Report-2019.pdf>

6. Il-Kunsill jilqa' l-edizzjoni tal-2019 tar-rapport ta' monitoraġġ dwar il-progress lejn l-SDGs f'kuntest tal-UE⁸ bħala dokument ewlieni għall-kejl tal-progress tal-UE lejn il-kisba tal-SDGs. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll rapporti u data ppubblikati minn servizzi u aġenziji oħra tal-Kummissjoni, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Abbażi ta' dawn ir-rapporti u d-data, il-Kunsill jinnota dan li ġej:
- a) L-UE kollha kemm hi għamlet progress ġenerali tajjeb fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini tagħha matul l-aħħar ħames snin. Is-saħħa attwali u perċepita tjiebet, il-faqar u l-esklużjoni soċjali tnaqqsu f'ċerti dimensjonijiet, u l-kwalità tal-ħajja fl-ibliet u l-komunitajiet tjiebet. Minkejja l-progress tajjeb fuq livell aggregat, għad hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-gruppi ta' popolazzjoni. Filwaqt li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u ta' persuni materjalment fil-bżonn naqas, l-UE għadha 'l bogħod mill-mira tagħha tal-2020 għall-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-faqar għadu għoli f'xi Stati Membri. L-inugwaljanza fl-introjt ilha tiżdied sa mill-kriżi finanzjarja tal-2008. L-indikaturi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi juru progress f'ċerti oqsma, iżda għadhom jeżistu xi differenzi.
 - b) Flimkien mat-tkabbir kostanti fil-PDG tal-UE kien hemm żidiet kontinwi fl-investiment u fl-impjiegi, kif ukoll tnaqqis fil-qgħad. Madankollu, in-nefqa domestika grossa fuq ir-R&Ż ilha tikber bil-mod ħafna u l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-privattivi ilu jonqos mill-2013. L-UE laħqet il-punti ta' riferiment tagħha għall-edukazzjoni terzjarja u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u hija qrib il-kisba tal-miri dwar daww li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ.

⁸ <https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3217494/9940483/KS-02-19-165-EN-N.pdf/1965d8f5-4532-49f9-98ca-5334b0652820>

- c) Saru diversi żviluppi sfavorevoli fir-rigward tal-użu tar-riżorsi naturali, li kkawżaw impatti ambjentali negattivi. Il-konsum ta' materjali u enerġija, kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' skart mhux minerali komplew jżdiedu, minkejja ż-żidiet fl-użu ta' materjal ċirkolari u r-riċiklaġġ. Il-bijodiversità qed tkompli tonqos u l-UE x'aktarx li tiflef 23 mit-30 mira ambjentali li fih is-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, fosthom dawk relatati mal-miri globali ta' Aichi. Proporzjon sinifikanti tal-impatti ambjentali negattivi jimmaterjalizzaw barra mill-UE permezz ta' effetti konsekwenzjali marbuta max-xejriet tal-konsum tagħna.
- d) L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE naqsu bi 23 %⁹ meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u l-intensità tal-enerġija u tar-riżorsi tal-PDG tgiebet b'mod konsistenti, u b'hekk poġġiet lill-Ewropa fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha għall-2020. Minkejja dan il-progress, il-kisba tal-miri attwali tal-klima għall-2030, speċjalment fl-effiċjenza fl-enerġija, mhijiex ċerta f'dan l-istadju. L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport ilhom jżdiedu, u għalhekk l-oġettiv tal-UE li tnaqqas l-impatt ambjentali tas-settur tat-trasport x'aktarx li ma jintlaħaqx sal-2020. Għadha ma tidhirx bidla lejn modi aktar sostenibbli ta' trasport u ġarr tal-merkanzija.

⁹ https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/strategies/progress/docs/com_2019_559_en.pdf

e) L-UE għamlet progress fl-appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-implimentazzjoni tal-SDGs permezz ta' għajjnuna bilaterali u multilaterali kif ukoll permezz ta' flussi finanzjarji u kummerċ, kif enfasizzat fir-Rapport Konġunt ta' Sinteżi dwar l-Implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew¹⁰, ir-rapporti annwali dwar il-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE¹¹ u r-rapporti dwar l-Appoġġ Baġitarju¹², li ġew strutturati fuq il-bażi tal-SDGs. Barra minn hekk, ir-rapport tal-UE tal-2019 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp¹³ juri li l-UE għamlet ukoll xi progress fit-tnaqqis tal-effetti kollaterali negattivi tal-politiki interni u esterni tal-UE fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u fil-promozzjoni ta' sinerġiji bejn politiki u azzjonijiet differenti b'appoġġ għall-SDGs. Kollektivament, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma d-donatur ewlieni fid-dinja, u l-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp fl-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni integrata tal-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa madwar id-dinja.

7. Il-Kunsill jieħu l-impenn li jqis il-progress tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fuq bażi regolari, abbażi tar-rapport tal-Eurostat u rapporti rilevanti oħra.
8. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tħejji rapport għall-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-implimentazzjoni interna u esterna tal-UE tal-Aġenda 2030 matul iċ-ċiklu tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli li jmiss, preferibbilment fl-2021. Għandu jiġi stabbilit proċess miftuħ, trasparenti u parteċipatorju f'diversi livelli għat-tħejjija tar-rapport, bl-involvement mill-qrib tal-Kunsill, u konsultazzjoni tal-partijiet interessati ewlenin u tal-Parlament Ewropew.

¹⁰ 9199/19 + ADD 1

¹¹ COM(2019) 604

¹² https://ec.europa.eu/europeaid/budget-support-trends-and-results_en

¹³ 5806/19

It-tisħiħ tal-approċċ tas-soċjetà kollha għall-implimentazzjoni

9. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Gvernijiet nazzjonali għandhom responsabbiltà kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u s-17-il SDG tagħha u jirrikonoxxi l-ħidma li saret fil-livelli kollha fl-Istati Membri f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri biex jgħollu l-livell ta' ambizzjoni tar-rispons nazzjonali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, u biex jintegraw b'mod proattiv l-aġenda 2030 fi strumenti, politiki, strateġiji u oqfsa finanzjarji nazzjonali tal-ippjanar.
10. Il-Kunsill ifakkar li l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tirrappreżenta responsabbiltà maqsuma u teħtieġ involviment qawwi u kontinwu mill-partijiet ikkonċernati kollha. Għal dan il-għan, il-Kunsill:
 - a) Jissottolinja r-rwol kritiku tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u tal-ibliet fl-implimentazzjoni u l-kisba tal-SDGs. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol attiv tal-Kumitat tar-Reġjuni u jilqa' l-opinjoni tiegħu dwar l-SDGs. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-ibliet fil-ħidma tagħhom skont l-Aġenda 2030, fost l-oħrajn permezz tal-Aġenda Urbana għall-UE u l-politika ta' koeżjoni.
 - b) Il-Kunsill jenfasizza r-rwol importanti tas-settur privat fil-kisba tal-SDGs u jinkoraġġixxi l-involviment kostruttiv kontinwu tiegħu, permezz ta' sħubiji bbażati fuq is-suq, djalogu soċjali, investiment, u mudelli ta' negozju f'konformità mal-prinċipji ta' Mgħiba Responsabbli fin-Negozju u Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw aktar qafas sod ta' politika u pjan ta' azzjoni li jsawwar ambjent ekwu internazzjonali u li jippermetti implimentazzjoni ambizzjuża u koerenti tal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali¹⁴, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem¹⁵ u d-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali¹⁶.

¹⁴ <http://mneguidelines.oecd.org/>

¹⁵ https://www.ohchr.org/documents/publications/GuidingprinciplesBusinesshr_eN.pdf

¹⁶ http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_emp/---emp_ent/---multi/documents/publication/wcms_094386.pdf

- c) Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' komunitajiet akkademiċi u epistemiċi bħan-
 Network Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Kunsilli Konsultattivi Ewropej għall-
 Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli u n-*Network* tan-NU għas-Soluzzjonijiet ta' Żvilupp
 Sostenibbli fl-għoti ta' sejbiet u rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u rilevanti
 għall-politika lil dawk li jfassluha. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex thegħgeġ l-
 iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, eż. fuq il-bażi tal-formati eżistenti tan-
 Network Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jissottolinja wkoll ir-rwol
 ewlieni tad-disa' Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni *Orizzont*
Ewropa (2021–2027) u jilqa' l-enfasi tiegħu u tal-programmi l-oħra tal-QFP fuq l-
 implimentazzjoni tal-SDGs u l-kontribut li jagħtuha. Skont ir-Riżoluzzjoni tiegħu ta'
 Novembru 2019¹⁷, il-Kunsill ifakkar li jenħtiegħ li l-politiki u l-miżuri kulturali jintużaw
 sistematikament biex jikkomplementaw il-miżuri eżistenti li jintużaw biex tinkiseb
 sostenibbiltà sabiex titjieb l-effiċjenza tal-istrateġiji għall-iżvilupp sostenibbli kemm fuq
 livell nazzjonali kif ukoll madwar l-UE.
- d) Il-Kunsill jenfasizza r-rwol kritiku tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-kisba tal-
 SDGs, u l-importanza ta' involviment sinifikattiv tas-soċjetà ċivili fl-istrateġiji tal-UE
 rigward l-Aġenda 2030. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol attiv tal-Kumitat Ekonomiku u
 Soċjali Ewropew u jilqa' l-opinjoni tiegħu dwar id-Dokument ta' Riflessjoni tal-
 Kummissjoni¹⁸. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol ewlieni taż-żgħażaġh fil-kisba tal-SDGs,
 ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2019, u jhegħgeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati
 Membri jinvolvu liż-żgħażaġh permezz ta' mekkaniżmi ta' djalogu strutturat.
- e) Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati
 dwar l-SDGs, li għandha taqdi rwol importanti fil-proċess ta' tħejjija kif ukoll fl-
 implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġija ta' implimentazzjoni tal-UE għall-
 Aġenda 2030. Il-Kunsill jappella għat-tiġdid tal-mandat tal-Pjattaforma, bi sħubija
 inklużiva u rappreżentattiva li tinkludi l-Istati Membri.

¹⁷ 13336/19

¹⁸ <https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/reflection-paper-towards-sustainable-europe-2030>

Il-passi li jmiss lejn governanza aktar effettiva

11. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma li saret mill-Eurostat fl-iżvilupp tar-rapport ta' monitoraġġ tagħha tal-SDGs matul dawn l-aħħar sentejn, u jissottolinja l-importanza ta' segwitu annwali rigoruż u bbażat fuq l-indikaturi li jkejjel il-progress tal-UE meta mqabbel ma' kull wieħed mis-17-il SDG. Il-Kunsill jinnota li l-Eurostat jibbaża r-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu fuq l-iżviluppi matul l-aħħar ħames snin. Dan jagħmel kwalunkwe paragun ta' progress minn sena għall-oħra diffiċli, u f'xi każijiet jista' jwassal għal konklużjonijiet li jfikklu. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi aktar informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rapport tal-Eurostat. Il-Kunsill jirrikonoxxi li tali analiżi hija iebša, speċjalment għal kwistjonijiet fejn m'hemmx miri li jistgħu jitkejlu u li huma marbuta biż-żmien. Il-Kunsill jilqa' l-proċessi kollha tal-UE li għandhom l-għan li jstabbilixxu miri li jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien f'oqsma ta' politika differenti, li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-qsim tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri. Tali proċessi għandhom jikkontribwixxu għall-istrateġija ta' implimentazzjoni komprensiva msemmija fil-paragrafu 19 ta' dawn il-Konklużjonijiet, u jkunu koerenti magħha.
12. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal żvilupp kontinwu ta' indikaturi, kif ukoll il-ħtieġa għal rieżami u titjib kontinwi tal-bażi tad-data, b'kont meħud tal-kuntest u d-data speċifiċi għal kull pajjiż, l-indikaturi globali tal-SDG maqbula fil-livell tan-NU, u l-ħidma mwettqa minn organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-użu ta' data kwalitattiva u diżaggregata fil-monitoraġġ tal-Eurostat, fejn xieraq, u huwa tal-fehma li l-indikaturi eżistenti użati fir-rapport tal-Eurostat ma jindirizzawx biżżejjed ċerti fenomeni ewlenin, bħall-bidla fix-xejriet tal-konsum u l-produzzjoni, inkluża it-transizzjoni għal ekonomija ċirkolari, jew il-benesseri perċepit, li huma fiċ-ċentru tal-Aġenda 2030. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Ekonomija tal-benesseri¹⁹ u r-referenzi li fihom għall-kejl tal-benesseri, kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Ekonomija Ċirkolari²⁰. Il-Kunsill jinnota wkoll ir-rakkomandazzjonijiet relatati mal-monitoraġġ tal-konferenza tal-partijiet interessati f'Helsinki, fit-28-29 ta' Ottubru 2019²¹, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tal-UE biex jistudjaw u jikkunsidraw dawn kif adatt.

¹⁹ 11164/19

²⁰ 12791/19

²¹ <https://www.fingo.fi/tapahtumat/beyond-growth>

13. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-informazzjoni tal-UE dwar l-effetti konsegwenzjali ġġenerati mill-politiki tal-UE madwar id-dinja jeħtieġ li tittejjeb. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kritiku li l-Eurostat jista' jaqdi fl-iżvilupp ta' modi kif titkejjel l-impronta globali (impatt negattiv) u l-handprint globali (impatt pożittiv) tal-politiki tal-UE. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tkompli l-kooperazzjoni bejn l-Eurostat, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex tkejjel l-impatt tal-politiki tal-UE dwar l-inugwaljanzi fl-UE u fil-pajjiżi sħab.
14. Il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni (2019 sa 2024) li kull Kummissarju jingħata l-kompitu li jiżgura l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fl-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom bħala pass importanti lejn l-integrazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-Kummissjoni kollha. Il-Kunsill jieħu nota tad-deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni li tassinja r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ġenerali tal-SDGs fil-livell tal-UE lill-Kulleġġ b'mod ġenerali. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli, u r-riskju ta' tfassil ta' politika inkoerenti fil-każ ta' responsabbiltà maqsuma. Il-Kunsill jenfasizza li sabiex jiġu żgurati l-koerenza fil-Kummissjoni u approċċ mill-Kummissjoni kollha, ir-responsabbiltà ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għandha tiġi attribwita lil membru tal-Kulleġġ, preferibbilment fl-ogħla livell. Fl-istess ħin, il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni effettiva fost is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE bħala fattur ewlieni għall-implimentazzjoni effettiva tal-SDGs. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-President tal-Kummissjoni li tiżgura li l-assistenza finanzjarja esterna tal-Ewropa tippromwovi l-Aġenda 2030 u l-SDGs fi ħdanha.
15. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD), li hija kontribut sostanzjali għall-oġettiv usa' tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD). Il-PCD għandha tibqa' element ewlieni u mezz importanti fl-isforzi ġenerali tal-UE biex timplimenta l-Aġenda 2030.

16. Il-Kunsill jieħu nota tal-analiżi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà mill-istituzzjonijiet u l-Aġenziji tal-UE²² li juri li l-Kummissjoni ma tirrapportax sistematikament dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE, il-programmi jew il-politika tal-UE għall-kisba tal-SDGs f'oqsma oħra barra minn dak tal-azzjoni esterna. Biex ikun possibbli monitoraġġ koerenti u aktar trasparenti, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rappurtar dwar is-sostenibbiltà fir-rapporti ta' attività annwali tad-Direttorati Ġenerali kollha. Il-Kunsill jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tikkoordina mal-qrati tal-awdituri nazzjonali bil-ħsieb li jittejjeb l-għarfien u l-iskambju tal-esperjenzi.
17. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat kif il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jista' jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 internament u esternament, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-QFP jikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
18. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-President tal-Kummissjoni li tuża l-mekkaniżmi u l-istrumenti eżistenti b'mod aktar effiċjenti. F'dan l-ispirtu, il-Kunsill jinnota li l-President tal-Kummissjoni għandha l-ħsieb li terġa' jiffoka s-Semestru Ewropew fi strument li jintegra l-SDGs, u jitlob aktar informazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tas-Semestru Ewropew bħala għodda ta' koordinazzjoni għall-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjiegi fl-Istati Membri.

Il-passi li jmiss fl-aċċellerazzjoni tal-azzjoni fuq oqsma ta' politika ewlenin

19. Il-Kunsill itenni l-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2017²³ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex telabora mingħajr aktar dewmien strateġija ta' implimentazzjoni komprensiva li tiddekrivi l-iskedi ta' żmien, l-oġettivi u l-miżuri konkreti biex tiġi riflessa l-Aġenda 2030 u biex l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jiġu integrati fil-politiki interni u esterni rilevanti kollha tal-UE, abbażi ta' x'jeħtieġ li jsir aktar sal-2030, f'termini ta' politika tal-UE, legislażjoni, struttura ta' governanza għal koerenza orizzontali u mezzi ta' implimentazzjoni. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2018, li appellaw għal tali strateġija komprensiva.

²²

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/RCR_Reporting_on_sustainability/RCR_Reporting_on_sustainability_MT.pdf

²³

10370/17

20. Il-Kunsill itenni wkoll il-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2019²⁴ u s-sisien ewlieni ta' politika għal futur sostenibbli identifikat fihom, kif ukoll il-prijoritajiet tal-Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024. Is-sisien ewlieni ta' politika għal futur sostenibbli jinkludi transizzjoni deċiżiva għal ekonomija ċirkolari, inkluż ċikli ta' materjal mhux tossiku; il-ħidma għan-newtralità klimatika u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi; il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi; is-sostenibbiltà tal-agrikoltura u s-sistemi tal-ikel; kif ukoll setturi tal-enerġija, tal-bini u tal-mobilità b'livell baxx ta' karbonju li huma sikuri u sostenibbli; filwaqt li titrawwem koeżjoni Ewropea. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali għall-promozzjoni tal-inklużjoni; l-ugwaljanza fil-forom kollha tagħha, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn is-sessi; edukazzjoni ta' kwalità għolja u inklużiva; u transizzjoni soċjalment ġusta, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu salvagwardjati l-valuri komuni tal-UE, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha fuq il-kwistjonijiet identifikati bħala s-sisien ewlieni ta' politika għal futur sostenibbli.
21. Il-Kunsill jieħu nota tal-*Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024*²⁵ tal-President tal-Kummissjoni u s-sitt ambizzjonijiet ewlenin għall-Ewropa identifikati fihom. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni ssegwi s-sitt ambizzjonijiet ewlenin b'mod li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta l-SDGs, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-qsim tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri.

²⁴ 8286/19

²⁵ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_MT.pdf

22. Il-Kunsill ifakkar is-sitt punti ta' dħul identifikati fir-Rapport dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Globali (GSDR)²⁶ – Il-benesseri u l-kapaċitajiet tal-bniedem; l-ekonomiji sostenibbli u ġusti; is-sistemi ta' ikel u xejriet ta' nutrizzjoni; id-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija u l-aċċess universali; l-iżvilupp urban u periurban; u l-governanza globali tal-ġid komuni ambjentali– u l-erba' lievi tal-bidla; l-ekonomija u l-finanzi; l-azzjoni individwali u kollettiva; u x-xjenza u t-teknoloġija – bħala kritiċi biex jintlaħqu l-SDGs u jiġu indirizzati l-kompromessi u l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs, u jilqa' t-talbiet għal azzjoni ppreżentati fir-rapport tal-GSDR. Il-Kunsill ifakkar ukoll l-għaxar punti ta' impenn fid-Dikjarazzjoni Politika tas-Summit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-2019. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-punti tad-dħul u l-lievi tal-GSDR u l-għaxar punti tad-Dikjarazzjoni Politika fil-ħidma tagħha fuq l-istrateġija ta' implimentazzjoni.
-

²⁶ https://sustainabledevelopment.un.org/content/documents/24797GSDR_report_2019.pdf